**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 594/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Dylan Spiteri**

**Illum 6 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Dylan Spiteri iben Wilfred u Georgina nee' Agius, imwieled il-Pieta', fil-25 ta' April 1993, residenti Artemis, Triq San Gorg, Hal-Ghaxaq, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin0numru 195193(M);

1. Billi akkuzat talli nhar it-22 ta' Awissu 2019 minn gewwa Automarket (Falzon) Petrol Station, Triq l-Imdina Haz-Zebbug

ikkommetta serq ghad-detriment ta' George Falzon u/jew persuna/i ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara, liema hsara ma jkunx jisorri l-elfejn u hames mitt Ewro (2500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro (250);

3. U aktar talli nhar it-23 ta' April 2018 minn gewwa Automarket (Falzon) Petrol Station, Triq l-Imdina, Haz-Zebbug u f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ghad-detriment ta' George Falzon u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara liema hsara ma tkunx tgiskorri l-elfejn u hames mitt Ewro (2500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro (250);

5. U aktar talli nhar il-25 ta' April 2018 Automarket (Falzon) Petrol Station, Triq l-Imina, Haz-Zebbug, u f'dawn il-gzejjer bil-hsieb li tikkometti delitt u cioe' serq ikkwalifikat bil-hin u bil-mezz ghad-detriment ta' George Falzon u/jew persuna ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegweit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

Il-Qorti hi mitluba biex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat biex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Roderick Agius qara u kkonferma bil-ġurament iċ-ċitazzjoni fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 9 ta' Lulju 2020;

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti kollha u semghet ix-xhieda tal-Probation Officer Marilyn Attard;

Rat li l-imputat Dylan Spiteri irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u huwa rega' tenna u zmm ferm ma' l-istess ammissjoni ghall-imputazzjonijiet anke wara li l-Qorti tatu zmien bizzejjed biex jekk irid jerga' jmur lura minn dik l-istess ammissjoni u anke wara li l-Qorti tat zmien lill-imputat biex jekk irid jikkonsulta ma' l-Avukat tieghu rigward l-istess ammissjoni.

Saret trattazzjoni fuq il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti kellha oppportunita' f'din il-kawza tisma' lill-Probation Officer Marilyn Attard u semghet kif l-imputat effettivament ghandu problema ta' droga, izda qed jaghmel l-almu tieghu biex jeghleb din il-problema kif ukoll, ghandu sapport kbir mill-familja tieghu, li huma persuni li qed joffrulu xoghol u jtuh is-sapport kollu psikologiku li huwa ghandu bzonn. Apparti minn hekk il-Qorti semghet kif l-imputat ghandu tfajla li qed toffri l-istess tip ta' ghajuna li l-imputat ghandu bzonn. Il-Qorti rat ukoll li l-fedina penali ta' l-imputat ma hix xi wahda kopjuza, izda kull ma ghandu entrata wahda li tirrisali sa mill-2013.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghax din il-Qorti verament temmen li l-imputat jista' jibbenefika minn ordni ta' probation, u dan wara li semghet lill-ufficcjal tal-probatuon Marilyn Attard, ma tarax li jkun idoneju li l-imputat jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva.

Il-Qorti setghet tara wkoll kif jirrizulta mill-process li l-imputat hallas id-danni kollha lill-vittma George Falzon ta' Automarket Petrol Station.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 41, 263, 270 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**